MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tal-11 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 1017/2004

**Montaldo Insurance Agency Limited, bhala agenti u in rappresentanza tas-socjeta' estera American Home Assurance Company, kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Anthony Bugelli u l-istess Anthony Bugelli**

**Vs**

**Epifanio Spiteri**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' tlett mija u tlieta u tletin lira Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm333.38c) rapprezentanti danni kkagunati fil-vettura ta' l-attur LAU 305 b'rizultat ta' incident stradali li sehh fis-26 t'April, 2003 fi Triq il-Ghajn, Dingli waqt li l-konvenut kien qieghed isuq

vettura HMY 230. Il-vettura ta’ l-attur kienet qed tigi misjuqa minn martu Rita Bugelli.
Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi l-incident in kwistjoni gara unikament tort ta’ Rita Bugelli u f’kull kaz l-ammont mitlub huwa esagerat u rriserva d-drittijiet tieghu biex jagixxi gudizzjarjament kontra Rita Bugelli ghad-danni minnu kkagunati in segwitu ghall-incident ammontanti ghal mija erbgha w erbghin lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm144.88c).

Sema’ x-xhieda ta’ David Debono, Rita Bugelli, Anthony Bugelli, Epifanio Spiteri, Victor Micallef, Joseph Muscat u John Callus.

Ra d-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ t-trattazzjoni ta’ Dr Nikolai Muscat Farrugia ghall-atturi u Dr Chris Cilia ghall-konvenut.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti rrizulta li Rita Bugelli, li kienet qed issuq vettura LAU 305 fis-26 t’April, 2003 fi Triq il-Ghajn, Dingli kienet ipparkjat il-karozza taghha fl-istess triq u marret ghand Victor Micallef li huwa hajjat hemmhekk. Hija pparkjat quddiemu izda l-karozza taghha kienet ftit fuq il-*yellow line* li hemm. Waqt li kienet ghand il-hajjat kellha bzonn iggib xi haga mill-karozza u meta harget indunat illi l-karozza li qabel kienet ipparkjat quddiemha kienet saqet ‘l hemm u b’hekk inholoq ftit spazju u ghalhekk hi caqalqet il-karozza taghha minn fuq il-*yellow line.* Kien proprju dak il-hin li l-konvenut kien ghaddej mit-triq bil-*mini bus* HMY 230 u kif ra l-ispazju quddiem il-vettura ta’ l-attrici, ntenta li jipparkja fih billi jidhol bil-quddiem. Huwa u diehel iz-zewg vetturi laqtu lil xulxin u l-hsara kienet fuq il-genb ta’ barra tal-parti ta’ quddiem *(front left)* tal-vettura ta’ Bugelli u fuq il-*mudguard* ta’ wara u l-papocca tal-*bumper* ta’ wara fuq il-*mini bus* fuq in-naha tar-*right*.

Illi l-partijiet m'humiex qieghdin jaqblu min dahal go min u qieghdin isostnu li l-parti l-ohra hija responsabbli ghall-incident in kwistjoni.

Minn ezami tal-provi u mid-dokumenti esebiti jidher car illi, fuq bazi ta' probabbilta', waqt il-habta l-vettura misjuqa mill-konvenut kienet miexja tant illi l-hsara fuq il-karozza ta' l-attur hija forma ta' *scratch marks* u ghafsa. Inoltre, fir-rigward tal-vettura tal-konvenut, jidher li din kellha hsara kemm fuq ix-xewka tal-*mudguard* kif ukoll inqalghet il-papocca tal-*bumper* biex b'hekk jidher car illi l-vettura HMY 230 kienet certament miexja fil-mument tal-habta. Dan ukoll anki jaqbel ma' dak li xehed l-istess konvenut.

Il-kwistjoni hi jekk il-vettura ta' Bugelli kienetx miexja wkoll f'dak il-hin.

It-Tribunal jidhirlu li l-probabbilta' hija li jista' jkun li din kienet miexja u jista' jkun li le. Hemm kunflitt. Huwa possibbli li jekk il-*mini bus* kien dahal ghad-dritt, beda jdur ftit biex jiehu l-pozizzjoni parallela mal-bankina u b'hekk holoq fulkrum fuq ir-roti, l-parti ta' wara tal-vettura kienet qed iddur ftit 'il gewwa u ghalhekk hi u ssir din il-manuvra, minhabba l-*pivoting* tal-vettura tal-konvenut, din kienet qed tersaq ftit aktar vicin il-vettura ta' l-attur. Pero' din hija biss ipotesi u ghal finijiet ta' dan it-Tribunal, ipotesi m'hijiex sufficjenti.

Da parti taghha Rita Bugelli tichad li dak il-hin ta' l-incident kienet miexja. Hija ssostni li kienet gja' tellghet il-*handbrake* x'hin saret il-habta. Ma kien hemm hadd li ra l-incident. Jirrizulta li wara l-incident, kif xehed Victor Micallef, l-attrici hadet qatgha kbira u ghalhekk wiehed ma tantx jista' jorbot fuq xi diskors li seta' ntqal miz-zewg sewwieqa ezatt wara l-habta, ghalkemm il-konvenut jipprova jghid li dak il-hin ta' l-incident l-attrici ammettiet li kienet hi li dahlet fih.

B'danakollu t-Tribunal jidhirlu li l-kawza prossima ta' l-incident ma kienetx il-manuvra li setghet ghamlet Bugelli izda l-mod ferm skonsiljat kif ipprova jipparkja l-konvenut.

Il-konvenut li ried jipparkja fit-triq, qatt ma messu pprova jipparkja frontalment minghajr ma jaghti pre-avviz xieraq u minghajr ma jkun cert li jista' jespleta l-manuvra liberament u minghajr xkiel.

M'huwiex normali li wiehed jipparkja bil-quddiem (sakemm ma jkunx hemm hafna spazju premessibbli jew inkella jekk ma jkunx hemm *parking* appozitu li jhalli lil wiehed jipparkja b'dak il-mod - *fish bone*). Minn sewwieq diligenti wiehed kien jistenna li l-konvenut jieqaf, jaccerta ruhu li jista' jidhol fil-*parking*, imbaghad jirriversja ghal go l-ispazju opportun b'attenzjoni kontinwa. Fil-kaz odjern jidher li l-konvenut qabad u pprova jidhol minghajr wisq attenzjoni.

Illi ghalhekk fic-cirkostanzi kif inhuma, t-Tribunal m'ghandux ezitazzjoni biex jikkonkludi li fil-fatt il-kawza prossima ta' l-incident u r-responsabbilta' relattiva ghall-incident, hija kollha ta' l-istess konvenut.
Ghar-rigward tal-*quantum* tad-danni jirrizulta li l-hsarat effettivament gew riparati. Qabel ma saru r-riparazzjonijiet sar *survey* u dan gie kkonfermat bil-gurament. Gew esebiti anki l-ircevuti relattivi u konsegwentament, id-danni kif mitluba jinsabu sodisfacentement ippruvati.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi, filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jiddeciedi li l-kollizjoni in kwistjoni grat unikament tort tal-konvenut u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' tlett mija u tlieta u tletin lira Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm333.38c) bl-interessi u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------